MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 8/2006

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**David Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Jannar tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u hamsa u sittin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM1,665.76,0), rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21802108, (CN 1060788 – AC10044498);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn isa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Frar tas-sena 2006 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-eccipjent ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut dahal ghall-kuntratt sabiex jirregistra linja tat-telephone mhux f'ismu personali izda f'isem il-kumpanija 'Muscat Technology Limited', tant hu hekk, illi l-indirizz li nizzel fil-formola li meta ghal dan l-iskop huwa ta' din l-istess kumpanija u mhux tar-residenza personali tieghu;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata d-9 ta' Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha b'hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0), stante pagament in akkont, u ghaldaqstant irriduciet is-sorte minnha mitlub mill-konvenut ghal dak ta' elf sitt mija u hmistax –il Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM1,615.76,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fit-12 t'April tas-sena 2001 il-konvenut kien dahal fi ftehim ta' kera u stallazzjoni tas-servizz telefoniku mas-socjeta' attrici, (ara fol 5);

2. Illi f'dan il-ftehim il-konvenut deher f'ismu proprju, (ara fol 5), u ffirma l-accettazzjoni tieghu f'dan is-sens;

3. Illi s-servizz telefoniku pattwit kien jirrigwarda fond fil-Qasam Industrijali ta' Kordin u kien ghalhekk jinkonbi rata ta' negozju;

4. Illi a bazi ta' dan il-ftehim, il-konvenut inghata s-servizz pattwit;

5. Illi meta beda jopera l-imsemmi ftehim il-pagamenti dovuti bdew isiru b'mod regolari sakemm twaqqfu minghajr ebda raguni;

6. Illi l-konvenut kien interpellat biex jeffettwa l-hlasijiet dovuti diversi drabi, izda dan kien inutili, ghalkemm fil-mori tal-kawza jirrizulta li effettwa pagament akkont u s-socjeta' attrici allura rriduciet it-talba taghha;

7. Illi peress li l-konvenut naqas milli jhallas l-ammont minnu dovut, is-socjeta' attrici kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg ecccezzjonijet principali tal-konvenut jirrigwardaw l-allegazzjoni tieghu li:

1. m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

2. ma ffirmax il-kuntratt mas-socjeta' attrici ghas-servizz de quo f'ismu izda f'isem il-kumpanija minnu ndikata fl-eccezzjonijiet tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza tiddependi fuq il-ftehim liberament konkluz bejn il-partijiet;

Illi dan il-ftehim jindika s-segwenti:

1. Illi l-utent konvenut David Muscat ikkonkluda l-ftehim de quo personalment f'ismu proprju;

2. Illi effettivament, fl-istess dokument iffirmat mill-imsemmi konvenut il-parti ntestata "Representative capacity (where applicable)" thalliet vojta, (ara fol 5);

3. Illi l-istess jinghad ghall-intestatura "For and on behalf of (where applicable), (ara fol 5);

4. Illi in effetti, ghalkemm il-konvenut, fl-eccezzjonijiet tieghu jindika s-socjeta' kummercjali, fl-intestatura "Company Registration No. (where applicable)", l-ebda numru ma gie ndikat;

5. Illi fir-rigward tan-numru tal-VAT indikat fl-istess ftehim l-ebda prova ma tressqet u ghalhekk dan il-fatt qed jigi dikjarat li gie debitament registrat;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, dak allegat mill-konvenut fl-eccezzjonijiet u fix-xhieda guramentata tieghu ma jsib l-ebda riskontru fattwali, anzi addirittura jirrizulta l-oppost biex b'hekk jezistu r-rekwiziti kollha ta' depozizzjoni guramentata prekarja;

Illi di piu', jirrizulta wkoll li fil-mori tal-kawza, thallas pagament in akkont li jkompli jiddistruggi ghal kollox l-allegazzjonijiet tal-konvenut;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati tiddikjara li hi sodisfatta bil-provi pprezentati mis-socjeta' attrici u allura takkolji t-talbiet kollha taghha biex konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut David Muscat hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf sitt mija u hmistax –il Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (Lm1,615.76,0);

2. Tikkundanna lill-imsemmi konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------